MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 22/2003

Il-**Pulizija**

**Spettur Dennis Theuma**

**VS**

**Rosario Brincat, iben il-mejjet Felix u Carmen nee' Spiteri, imwieled Hal Qormi nhar il-15 ta' Ottubru, 1952, residenti fil-fond My Dream, Triq Bellic, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 755152M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Rosario Brincat** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Jannar, 2003, u s-sena ta' qabel, go Hal Qormi, u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kein fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegewentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu eklussiv tieghu;
c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta, jew zamm minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe' sellef flus bl-imghaxx lil diversi persuni, dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzarji, Att Nru XXII tal-1994;
e. U aktar talli xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht is-Subartikolu (1) tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, dan bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali mibghuta ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-kunsens ghal procediment Kriminali ai termini tal-Artikolu 23(2) tal-Att tal-1994, folio 9 u 10 rispettivament.

Rat ukoll illi aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, intbaghtet il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Biex tasal biex tiddetermina jekk hemmx htija jew le skont l-akkuzi migjuba, din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi mressqa. Jinghad *a priori* li Rosario Brincat spicca hekk akkuzat frott ta' '*controlled delivery*' illi saret taht il-Kappa tal-Magisrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 30(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kors ta' din il-konsenja kkontrollata, il-pulizija kienet meghjuna minn certu Joseph Borg, li sussegwentement anke ghazel illi jigguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata quddiem l-istess Magistrat Inkwirenti. Dan il-process verbal gie ezebit f'dawn l-atti bhala Dok NF a folio 376 – 392 tal-atti.

Xehed l-Ispettur Josric Mifsud dwar ix-xoghol illi sar biex wasal ghall-arrest tal-imputat. Xehed fuq l-arrest ta' persuna li meta giet mitkellma kienet lesta tghin lill-pulizija, billi ccempel lil persuna li kienet qieghda tissuplieha bid-droga. Qal illi wara li ngab id-debita permess minghand il-Magistrat, din il-persuna cemplet fuq in-numru 79209010 u staqsa jekk il-persuna fuq il-linja kellux sriedak. Ftiehem ghalhekk biex imur jigbor is-sriedak minghandu. Qal l-

Ispettur illi hadu fotokopja ta' flus illi kienu ghandhom u taw il-flus lil din il-persuna. Wassluh Hal Qormi u din il-persuna mxiet lejn il-garaxx tal-imputat.

Qal l-Ispettur illi din il-persuna (illi aktar tard insiru nafu li hu bl-isem ta' Joseph Borg), qal lill-pulizija li kull serduk kien ifisser gramma eroina. Qal ukoll illi dan ha minghand Brincat mhux tlieta imma erba' grammi, u ta l-flus lil Brincat. Ghalhekk, meta gie arrestat Brincat immedjatament wara dan id-deal - skont l-Ispettur kif ircieva l-flus, instabu fuqu s-somma ta' tminn mitt lira Maltin (Lm800.00), f'liema somma kien hemm ukoll il-flus illi kienu hargu l-pulizija.

Fil-kors ta' din il-konsenja kkontrollata qal ukoll illi l-flus li gew elevati minghand l-imputat gew issigillati, u li kien iffirma fuq l-istess sigil (tape), l-istess imputat, ezebiti fl-envelope 164 a folio 26, pero aktar tard irtirati fuq inkarigu appozitu moghti minn din il-Qorti.

Prezenta wkoll l-Ispettur zewg mobiles elevati minghand l-imputat – Nokia Dok RB u Motorola Dok RB1. Prezenta wkoll ammont ta' truf ta' boroz li skondtu gew misjuba gol-garaxx fejn gie arrestat Zaren Brincat – Dok RB2. Gew ezebiti wkoll mill-Ispettur, il-flus fl-ammont ta' tminn mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm832.00) – Dok RB3, skondtu misjuba fuq il-persuna ta' Zaren Brincat. Ezebixxa wkoll zewg kartuniet misjuba ghand l-imputat, Dok RB4, illi skont ma rrizultalu mill-investigazzjoni, mill-istqarrija, kienu notamenti tal-imputat dwar self ta' flus bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%).

In kontro ezami wiegeb illi Brincat innega l-involvivment tieghu fuq affarijiet konnessi mad-droga, hekk mistoqsi ghal diversi drabi. Skondtu qallu li dan kien jintqal minn ghedewwa tieghu biex jaghmlulu l-hsara. Fuq suggeriment tal-Avkat Difensur illi l-imputat, fl-istqarrija qal lill-Ispettur illi xi nies li sselfu flus minghandu hedduh li jaghmlulu statement - dejjem lill-imputat, biex ma jhallsuhx, wiegeb illi dan id-diskors qatt ma sar.

Qabel pero l-Ispettur illi l-imputat kien qallhom illi kellu jaghmel xi pagament lil certu Chris Grech, ghal xi silla ghal bhejjem.

Qal ukoll l-Ispettur, illi qatt ma sar konfront bejn min ghamel l-istqarrija guramentata u l-imputat.

Zied l-Ispettur illi qabel ma saret il-konsenja kkontrollata, il-persuna li ntbaghtet bil-flus biex jigbor id-droga saritilha strip search; kif ukoll illi din il-persuna baqghet dejjem fil-presenza tal-pulizija mill-bidu sal-ahhar. Qal ukoll illi xi hin giet arrestata din il-persuna, tathom zewg boroz bi trab kannella suspsettat eroina, li komplessivament kienu jaghmlu erba'(4) grammi.

Aktar tard, l-Ispettur xehed illi l-flus li ntuzaw fil-konsenja kkontrollata kienu fil-fatt tieghu, illi taghhom saret fotokopja. Ikkonferma illi ma kinx sar l-ezercizzju li jigu mqabbla l-flus migbura minghand l-imputat – parti minnhom, mal-fotokopji.

F'dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghal digriet ta' nomina taghha fejn gie nominat Dr Richard Sladden sabiex wara li jirtira Dok JM u Dok RB3, u cioe' l-flus reali u l-fotokopji tal-istess, jaghmel studju komparattiv fis-sens illi jistabilixxi jekk l-original tal-flus fotokopjati jinstabux mal-flus ezebiti.

Dr Richard Sladden fil-fatt qeda l-inkarigu tieghu, u ezebixxa r-relazzjoni tieghu bhala Dok RS, fejn ikkonkluda:

"

*Illi l-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/27 668099 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003, mis-Surgent PS 368, PC 451 u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/42 431139 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003 mis-Surgent PS 368, PC 451, u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/33 443615 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003, mis-Surgent PC 368, PC 451 u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/31 169620 ghandha l-istess numru ta' serja bhall-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003 mis-Surgent PS 368, PC 451, u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/23 343373 ghandha l-istess numru ta' serje bhal karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003 mis-Surgent PS 368, PC 451 u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/23 148942 ghandha l-istess numru ta' serje bhal karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003, mis-Surgent PS 368, PC 451, u PC 249.*

*Il-fotokopja tal-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) bin-numru ta' serje C/33 597007 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003, mis-Surgent PS 368, PC 451, u PC 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bin-numru ta' serje B/24 087888 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-hames liri Maltin (Lm5.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003 mis-Surgent PS 368, PC 451, u PS 246.*

*Il-fotokopja tal-karta ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bin-numru ta' serje B/24 484085 ghandha l-istess numru ta' serje bhall-karta tal-hames liri Maltin (Lm5.00) fit-tieni borza li giet elevata minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003 mis-Surgent PS 368, PC 451 u PC 246.*

*L-esponent ma sab ebda karta ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bl-istess numru ta' serje tal-fotokopja tal-karta ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bin-numru ta' serje B/20 213523.*

*Ghaldaqstant, mill-ezami fuq deskritt ta' Dok JM (ezebit mill-Ispettur Josric Mifsud fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2003), l-esponenti kkonstata li l-fotokopji kollha tal-karti ta' flus bl-eccezzjoni tal-ahhar wahda (fotokopja ta' karta ta' hames liri Maltin bin-numru ta' serje B/20 213523, jaqblu ma' karti tal-flus illi gew elevati minn idejn Zaren Brincat fis-7 ta' Jannar, 2003, minn PS 368, PC 451 u PS 246, skont karta illi hemm fit-tieni borza kontenenti l-istess flus.*

*Illi ma nstabitx il-karta tal-hames liri Maltin (Lm5.00) f'ebda mill-erba' (4) boroz illi l-esponenti ezamina li kellha l-istess numru ta' serje bhal fotokopja ta' karta ta' hames liri Maltin (Lm5.00) bin-numru ta' serje B/20 213523 (Dok JM.*"

Varji kienu l-pulizija li kienu nvoluti f'din l-investigazzjoni, u fil-konsenja kkontrollata.

PS 366 Monreal xehed illi kien jaghraf lill-imputat Rosario Brincat maghruf bhala l-Pupa. Qal illi kellu struzzjonijiet li jaghmel osservazzjoni mal-garaxx ta' Rosario Brincat. Qal illi dahal fil-garaxx ma' pulizija iehor, biss wara li harget minnu persuna li kienu raw diehel. Gol-garaxx qal illi minn search illi ghamlu fuq il-persuna tal-imputat sabu ammont ta' flus fis-somma ta' tminn mitt lira Maltin (Lm800.00), ftit izjed. Qal illi wara search fil-garaxx, id-Depot nizzlu lill-persuna l-ohra li fuqu nstabu zewg boroz bi trab kannella. Qal illi f'idejn il-guvnott instabu circa hdax-il lira Maltin (Lm11.00). Ikkonferma li hu kien prezenti meta gie ssigillat l-envelope bil-flus. Gharaf l-istess envelope ezebit.

Dwar il-mobiles ezebiti, xehed illi l-imputat kif dahlu fuqu fil-garaxx, kisser in-Nokia. F'dan l-istadju, ghax gew mahruga s-SIM cards mill-istess cellulari, gew dokumentati bhala Dok RB5 u Dok RB6. Ikkonferma dan ix-xhud illi Brincat qabad u sabbat il-mobile mal-art. Gharaf ukoll id-dokumenti Dok RB2 u Dok RB4, cioe' l-boroz migbura. Gharaf ukoll is-Surgent Monreal, il-fotokopja tal-flus li kellhom jintuzaw fil-konsenja kkontrollata, Dok JM.

Dwar il-flus migbura minghand l-imputat, xehed illi l-flus, apparti l-hdax-il lira Maltin (Lm11.00) li ngabru minghand it-tifel, kif jghidlu hu, ingabru minghand

l-imputat. Qal illi l-flus marru bihom il-bazi flimkien u fil-presenza tal-imputat Brincat.

PC 249 Vincent Cesare, ukoll involut f'din l-osservazzjoni fuq l-akkuzat, il-Pupa, xehed ukoll illi raw persuna tidhol u tohrog fil-garaxx. Qal illi s-Surgent informa lill-Unit l-ohra maghmula minn PC 445 u PC 1491 biex imorru fuq din il-persuna u jarrestawha, mentri hu flimkien mas-Surgent dahlu fil-garaxx. Qal illi kif dahlu fil-garaxx sabu lil Zaren wicc imb'wicc ma' persuna ohra li din f'idejha kellha hdax-il lira Maltin (Lm11.00), mentri Zaren kellu mitt lira Maltin (Lm100.00). Wara tfittxija li saret fuq l-imputat, sabu fil-qalziet is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00), u f'but hames mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm595.00). Kellu wkoll cheque ta' sitt liri Maltin (Lm6.00). Zied illi hadulu mobile Motorola u li l-imputat kisser mobile. Qal illi hu gabar il-parts, bicciet ta' dan ic-cellulari.

In kontro ezami kkonferma li l-imputat dwar il-flus qallhom illi kienu biex ihallas id-dawl. Ikkonferma li fil-garaxx ma sabux droga, pero li sabu boroz li gew elevati. Ikkonferma li ma nstabu ebda mwiezen jew afffarijiet ohra relatati mad-droga.

PC 445 Adrian Bugeja wkoll xehed dwar ir-raid illi sar Hal Qormi. Qal illi waqqfu persuna li fuqha nstab trab kannella go boroz separati, suspettat eroina. Xehed illi kellhom controlled delivery li kienet qieghda ssehh gewwa Hal Qormi. Din il-persuna jghid illi qabel ghamlulha search fuq il-persuna taghha, umbaghad jghid illi telquha fil-post indikat u giet lura b'affarijiet fuqha. Insista li din il-persuna huma mill-strip search 'l hemm, ma telquhix minn quddiem ghajnejhom, hu u PC 1491. Xehed illi dawk illi arrestaw lil din il-persuna regghu ghamlu fuqha strip search iehor. Qal illi wara li din il-persuna nvoluta fil-konsenja kkontrollata harget minn gol-garaxx tal-imputat, fuqha nstabu zewg boroz. Gharaf ukoll il-fotokopja tal-flus illi l-Ispettur kien ta lil din il-persuna.

Ikkonferma wkoll l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat. Ezebixxa n-notamenti tieghu ta' dak illi okkorra dakinhar tal-konsenja kkontrollata. Semma' issa li l-persuna li kienet qed tghin lill-pulizija f'dan kienet certu Joseph Borg, (Dok AB in-notamenti a folio 203).

Minn naha tieghu PC 1473 Simon Deguara, ukoll xehed fuq il-konsenja kkontrollata. Xehed illi hu kien fl-ufficju tal-Ispettur Josric Mifsud meta kien

hemm persuna li riedet taghmel xi tip ta’ konsenja. Xehed illi l-Ispettur Mifsud kien fil-fatt ikkomunika mal-Magistrat Inkwirenti dwar dan, illi ta l-go-ahead. Xehed illi din il-persuna kienet cemplet lil Rosario Brincat minn fuq il-mobile. Qal illi dan talab lill-imputat tliet sriedak. Zied illi skont din il-persuna, dan kien il-‘*code*’ illi kienu jifehmu bih. Qal illi meta marru fil-garaxx ta’ Brincat, ghalkemm baqghu barra, raw il-kuntatt bejniethom isir u pprocedew bl-arrest.

Xehed illi fuq il-persuna nvoluta fil-konsenja kkontrollata sabu zewg pakketti b’sustanza ta’ kulur kannella suspettata droga, u fuq Rosario Brincat instabu l-flus involuti fil-konsenja u flus ohra. Qal illi din il-konsenja saret gewwa (l-garaxx).

PC 1044 Gordon Borg xehed illi hu kien ircieva struzzjonijiet minghand l-Ispettur biex jaghmel fotokopja ta’ xi flus illi kienu ser jintuzaw fil-‘*controlled delivery*’. Qal illi hu kien ha din il-fotokopja u tahom lill-Ispettur biex juzahom ghall-iskop tal-konsenja.

PC 1491 Gino Demanuele wkoll ikkonferma li fis-7 ta’ Jannar, 2003, kienu rcevew struzzjonjiet minghand l-Ispettur Josric Mifsud fejn hu flimkien ma’ PC 443 kellhom jiehdu lil certu Joseph Borg maghruf bhala n-Noni gewwa Hal Qormi, biex dan jixtri d-droga minghand certu Rosario Brincat. Qal illi din il-persuna, darba li wassluh Hal Qormi, hareg mill-karozza u meta gie lura tahom zewg boroz zghar kontenenti trab kannella. Ghaddew dawn il-boroz lill-Ispettur Mifsud fl-ufficju tieghu.

Gie mahtur l-Ispizjar Mario Mifsud biex janalizza d-droga misjuba u anke jaghti l-valur tal-istess. Ikkonkluda hekk fir-relazzjoni Dok MM, folio 116:

“*Illi ghaldaqstant, mill-ezamijiet li saru mill-Esponent, l-Ispizjar Mario Mifsud, ghall-presenza ta’ mechanical fit bejn iz-zewg boroz tal-plastic li fihom kien hemm trab kannella li kien hemm fid-dokument 03AAN01 gie determinat li ma kinx hemm mechanical fit bejn iz-zewg boroz tal-plastic;*

*Illi l-Esponenti, l-Ispizjar Mario Mifsud, u l-Analista Godwin Sammut, jistghu jikkonkludu li fit-trab il-kannella li kien hemm fiz-zewg boroz tal-plastic fid-dokument 03AAN01, f’ammont nett totali ta’ 3.507 grammi, instabet fihom is-*

*sustanza Heroijina. Is-sustanza Heroijina hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Din l-ewwel analizi saret konguntivament mal-Analista Godwin Sammut.

Dwar il-valur, fir-relazzjoni Dok MM3, l-Ispizjar Mario Mifsud xehed illi wara li kkonsulta mar-rapport tal-"*2004 National Report to the EMCDDA*", il-prezz bl-immnut ghal kull gramma eroina ghas-sena 2003 kien ta' tmienja u sittin Ewro u erbghin centezmi (€68.40), allura tletin lira Maltin (Lm30.00), allura tlieta punt hamsa zero sebgha (3.507) grammi eroina misjuba kienu jammontaw ghal mitejn u erbghin Ewro (€240).

Dr Martin Bajada mahtur appozitament, ipprezenta r-relazzjoni tieghu dwar analizi li hu ghamel fuq il-mobiles u s-SIM cards li gew elevati mill-pussess tal-imputat, Dok MB.

Ovvajment ingab jixhed il-persuna li ghenet lill-pulizija - certu Joseph Borg, li anke kien ikkonferma l-istqarrija minnu rilaxxata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Din l-istqarrija giet ikkonfermata minn Joseph Borg fix-xhieda tieghu viva voce quddiem din il-Qorti, u tinsab ukoll ezebita bhala parti mill-Inkjesta dwar il-konsenja kkontrollata redatta wkoll mill-Magistrat Inkwirenti bhala Dok NF a folio 875 et seq.

Joseph Borg ikkonferma fl-ewwel lok illi hu kien fil-fatt igguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata. Fl-ewwel lok, qabel ma beda jixhed dwar l-involvivment tieghu fil-konsenja kkotrollata, qal lill-Qorti li hu kien qieghed jigi mhedded, skont ommu mit-tifel tal-imputat. Qal illi anke marru d-dar ifittxuh u sahansitra cemplulu l-Habs fejn qalulu li kienu ser jaghmlulu bomba.

Qal illi cemplu ghand huh Mario Borg. Skondtu qalulu biex idawwar id-diskors dwar l-istqarrija - dan min cempillu gol-Habs. Gharaf lill-imputat bhala l-bniedem illi kellu l-laqam il-Pupa. Kien ilu jafu sitt xhur. Xehed illi minghandu kien jixtri l-eroina. Qal illi kien ilu f'din il-problema tad-droga mis-sena 1992. Qal illi xtara l-eroina l-ahhar fis-7 ta' Jannar. Qal illi dakinhar xtara minghand Brincat, xtara erba'(4) grammi ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20.00)-il gramma. Qal illi l-flus kienu minn tal-pulizija u minn tieghu. Ikkonferma li l-Ispettur lilu kien tah is-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85.00). B'dawn kien

xtara. Qal illi meta rcieva l-flus minghand il-pulizija, hu kellu jixtri bihom minghand Brincat. Ikkonferma wkoll illi darba li kien fid-Depot, hu kien cempel lil Brincat, indika li kien iz-Zghir ghax hekk kien isibu (il-laqam Noni skondtu kien dak tal-familja), u talbu jekk jistax imur ghal tliet(3) sriedak – tliet(3) grammi. Qal illi pero meta mar, kien spicca xtara erba'(4) grammi. Qal illi talbu tliet(3) sriedak ghax hekk kienu jiftehmu dwar l-eroina, kull serduk ifisser gramma.

Spjega li l-pulizija telquh u mar ghand l-imputat gewwa Hal Qormi, gewwa l-garaxx tal-imputat. Qal illi dahal fil-garaxx, tah l-*stuff* umbaghad marru fuqu l-pulizija. Qal illi hu lil Brincat talbu tlieta(3), pero tah erbgha(4). Qal illi d-differenza tal-flus kienu tieghu, mentri l-ewwel flus li tah kienu tal-Ispettur, gharaf l-eroina murija lilu.

Ikkonferma wkoll Dok JB, folio 80, l-istqarrija minnu guramentata.

Mistoqsi mill-Avukat Difensur, innega li hu kien mar darba f'sitt xhur ghand Brincat. Qal illi hu kien jaqla' mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm138.00) fix-xahar, kien jghix ma' ommu. Innega li hu qatt issellef flus minghand Brincat. Qal illi hu kellu jaghti lil Brincat is-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00), pero mhux rizultat ta' self imma ta' droga. Qal ukoll illi meta kien jixtri minghand Zaren il-Pupa x-xih, gieli anke qdieh ibnu.

Qal illi hu kellu jaghti mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) lill-imputat ghax kien b'lura. Qal illi gieli kien idejnu fuq id-droga. Dwar is-sitt xhur illi ghamel jixtri d-droga minghand l-imputat, qal illi kien jixtri gurnata iva, l-ghada le, u jerga' jixtri l-pitghada. Kull darba kien jixtri b'kemm kien ikollu flus, gramma jew tnejn, jixtri tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm28.00) kull gramma. Qal illi verament kien jghix bir-relief, pero li kien inehhi mid-droga biex izomm il-habit tieghu.

Xehed anke in kontro ezami dan Joseph Borg. Hawn xehed snin wara li ttella' bhala xhud tal-Prosekuzzjoni. Qal issa li hu lil Brincat ma kinx jafu personalment, kien jafu ghax kien skondtu ltaqa' mieghu biss. Qabel mad-Difiza li kien habib ta' ibnu Darren, u anke qabel illi Darren gieli qallu biex jissellef flus minghand missieru. Pero meta rega' gie mistoqsi l-istess haga, issa wiegeb illi ma kinx jiftakar. Qal illi hu u Darren pero ma kinux daqshekk hbieb tant illi ma kinux jiltaqghu ta' spiss. Issa qal illi kellu idea fejn kien il-garaxx ta'

Brincat, u anke li hu kien gie nvestigat mill-Ispettur Josric Mifsud. Ftakar illi l-pulizija kienu telquh. Ma ftakarx, fuq suggeriment tad-Difiza, illi hu meta telquh il-pulizija, kien mar x'imkien iehor. Ma ftakarx illi hu kien xehed illi Brincat kien faqa' l-bieb ta' ommu. Stieden lid-Difiza temmen dak li fil-fatt kienet xehdet ommu. Ammetta li mill-Ingilterra hu ma harabx mma ngab mill-Interpol ghax kien qabez iz-zmien tal-VISA. Kien tal-idea, ghax jghid ghandu jkun, illi dam tlitt snin u nofs il-Habs. Qal illi hu kien jaghmel *odd jobs*.

Omm dan Joseph Borg - certa Antoinette Borg, xehdet din dwar l-allegat theddid illi kien qieghed jircievi binha Joseph Borg biex ma jixhidx f'din il-kawza, jew jibdel il-verzjoni li ta fl-istqarrija guramentata. Xehdet din illi Joseph kien mar jixhed il-Qorti ghaliex kienu marru erba'(4) irgiel ifittxuh, pero ma kintix taf x'gara. Qalet illi kienet tahseb illi binha kellu problema ghax kien skondtha jinghalaq fit-toilet. Qalet illi hi ma kellimha hadd u ma hassitx il-htiega li taghmel xi rapport. Ikkonfermat illi kien qieghed imur wiehed id-dar jistaqsieha ghal Joseph. Qalet illi kienet tibza' ghax kienu marru l-pulizija.

Gew prezentati wkoll fil-kors tal-kumpilazzjoni rapporti tal-esperti mahtura appozitament fl-Inkjesta u anke fil-kors tal-kumpilazzjoni. PS 673 Joseph Mallia prezenta r-relazzjoni tal-impronti digitali; Dr Mario Scerri pprezenta r-relazzjoni tieghu dwar l-istat ta' sahha tal-imputat (folio 132 – 268) rispettivament.

Aldo Giordano minn naha tieghu, bhala Deputy Director MFSA, Banking Unit, xehed illi xogholu kien illi jaraw illi l-banking system tkun regolata u konsegwentement illi min joffri servizzi bankarji jkollu licenzja appozita mahruga. Fil-konfront tal-imputat, xehed illi ma sab ebda record illi tawtorizzah personalment jew bhala direttur ta' xi kumpanija li jaghmel xi self jew xi banking business. Qal illi r-ricerka ghamilha fuq isem, l-indirizz u l-karta tal-identita' tal-imputat.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ghazel illi jiehu l-pedana minn jeddu. Qal Rosario Brincat dwar l-statement illi hu ma kellux minn min jibza' u ghalhekk ghamel dak l-statement. Beda jwiegeb ghal dak illi kien qieghed jigi mistoqsi. Ghalhekk id-Difiza ghaddiet biex taqra lil Brincat l-statement minnu rilaxxat, ezebit a folio 6 tal-atti. Ghalhekk fl-statement kien stqarr illi hu la kien jahdem u lanqas jirregistra, li kien jghix bis-somma mensili ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170.00), illi kien jircievi ghax kien ghadda bord. Ikkonferma li l-

laqam tieghu kien il-Pupa. Ma kinx jaf, qal, ghala l-pulizija kienu marru fil-garaxx tieghu tal-Hamrun fejn qal illi kien izomm iz-ziemel. Mistoqsi x'sabu fil-pussess tieghu l-pulizija, wiegeb il-flus. Fuqu jghid illi kellu madwar tminn mitt lira Maltin (Lm800.00). Qal illi dawn ikunu fuqu, kien johrog mid-dar b'dawk l-ammonti fuqu. Ta ezempju li l-bierah (cioe' l-gurnata qabel ix-xhieda viva voce), kien mar jixtri erbgha u tletin(34) balla silla versu l-prezz ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00). Ikkonferma li kellu zewg zwiemel illi t-tnejn kienu jiswewh ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) fil-gimgha. Qal illi l-flus li kienu fuqu kienu gejjin minn self ta' flus. Ammetta issa li kien isellef fuq l-idejn b'rata ta' ghaxra fil-mija (10%), skondtu, skont kemm idumu. Qal illi kien ilu jsellef ghaxar(10) snin. Ammetta li ma kellux permess tal-Bank Centrali biex isellef il-flus. Ammetta wkoll illi z-zewg kartuniet li kienu sabu ghandu l-pulizija, ezebiti mill-Ispettur Mifsud a folio 25, kienu jikkorrispondu ma' self ta' flus lil terzi (Dok RB4).

Xehed illi hu ma kinx juza droga, u lanqas ibiegh. Qal "Ghax jiena ma nbieghx droga u qatt ma bieghejt droga." (folio 520)

Innega li hu kien ibiegh l-eroina. Innega li kien jixtri d-droga.

In kontro ezami qal illi hu kien ikollu l-ammont ta' flus fuqu in kwantu ghas-self illi kien jaghti lin-nies, umbaghad jigbor il-flus. Dwar il-ktieb misjub fuqu u kartuniet, rega' kkonferma li dawn kienu dettalji ta' self.

Qal dwar ix-xhud Joseph Borg, illi hu sar jafu meta ibnu, li wkoll kellu problema ta' droga, kien ha lil dan biex isellfu lil Borg mitejn lira Maltin (Lm200.00). Qal illi rah id-darba li sellfu l-flus u d-darba li hadhomlu lura. Innega li hu kien ircieva xi telefonata. Mistoqsi x'kienet tfisser il-kelma 'serduk' ghalih, wiegeb serduk. Qal illi l-flus li fil-fatt tah Borg, tahomlu tas-self ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) li kien tah. Qal illi meta dan mar ghandu qallu li kien hadlu l-flus, mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00), u li kellu johodlu l-kumplament.

Qal illi dak il-hin kienu qeghdin jithaddtu hu flimkien ma' hutu fil-bieb tal-garaxx, jirranga z-zwiemel. Dan Borg umbaghad telaq. Qal illi wara circa tnax(12)-il minuta, marru fuqu s-CID. Qal illi Borg kien staqsieh anke minn fejn kien ser jghaddi, ghax darba biss kien mar ghandu ma' ibnu, kien mar ghall-flus biss. Qal illi dak il-hin li mar ghandu Borg, ghandu kien hemm it-tifel ta' ohtu, u anke xi hadd minn hutu. Skondtu kienu qeghdin jithaddtu kif jaghmlu s-soltu ghax kellhom ir-razzett hdejn xulxin.

Mistoqsi z-zmien illi gara dan, qal illi kien zmien is-silla niexfa, kien beda s-sajf sew ghax zmien il-maghlef taz-zwiemel. Kien biss fuq suggeriment tal-Avukat Difensur, illi qal illi seta' kien Jannar. Qal illi hu ma kellu xejn f'idu meta mar Borg. Qal illi tah biss il-flus. Qal illi dan Borg ma ghamilx referenza ghal xi telefonati. Qal illi fis-search il-pulizija sabu biss kantunieri. Qal illi l-pulizija qallbu kollox, anke fittxew fis-silla. Qal ukoll illi dawk in-nies illi kienu ghandu kollha telqu waqt is-search. Xehed illi fuqu sabulu l-flus u li ma sabulu ebda pakketti. Sabulu wkoll il-kont tad-dawl li kien ser imur ihallas, ghalhekk kellu qal issa l-flus fuqu. Zied illi hu ma kinx ihalli flus id-dar ghax ibnu kien jisraqhomlu minhabba l-problema li kellu.

Qal illi lanqas ma sabu mizien, la karti mqatta', la mqass, u lanqas droga. Qal illi hu waqt is-search ma attakka lil hadd, pero ammetta li sabbat il-mobile mal-art – dan ghax irrabja.

Qal illi qabel kien ghamel sitta u ghoxrin(26) sena jahdem fil-gebel. Qal illi dak iz-zmien kien jaqla' bejn mitejn lira Maltin (Lm200.00) u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00) fil-gimgha. Waqaf mix-xoghol minhabba dahru u ghajnejh.

Qal illi hu qatt ma ta droga lil hadd, illi lil Borg qatt ma tah xejn!!

In kontro ezami xehed illi ibnu kellu problema tad-droga, pero ma kinx jaf x'tip ta' droga.  Daqqa coke daqqa eroina, kien jara daqqa trab abjad, u daqqa trab kannella. Qal illi dak iz-zmien kellu zewg zwiemel. Kien irabbi anke fniek. Qal illi dak iz-zmien fil-farm kellu erba'(4) sriedak mitluqin. ikkonferma li bi tbaghtija kien jaqla' circa elf lira Maltin(Lm1,000.00) fix-xahar. Mistoqsi ghalfejn kellu bzonn isellef il-flus stante l-introjtu mensili tieghu wiegeb hekk "*Dak min hu miljunarju jaghmilhom dawk l-affarijiet hux.*" (folio 536) Qal illi hu kien ilu jaf lil Joseph Borg xi xahrejn u nofs, tlieta, qabel ma qabduh il-pulizija. Kien sellfu mitejn lira Maltin (Lm200.000) fuq l-idejn, tahomlu quddiem it-tifel. Mistoqsi ghalfejn sabbat wiehed mill-mobiles, wiegeb kellu wiehed tal-familja u sabbat lilu.

Dwar Borg qal illi qatt ma kien rah qabel ma kellu xi jghid mieghu, u qabel ma kellux jaghtih flus.

Qal illi jekk Borg qal illi hu bieghlu d-droga, din kienet gidba shiha. Qal illi kien ilu ghaxar(10) snin isellef il-flus fuq l-idejn.

In ri-ezami qal illi hu ma kinx jaf li dan Joseph Borg kien miggieled bil-kbir minn ma’ ibnu. Qal illi l-inkontru bejnu u bejn Borg dam anqas minn minuta, u ghalih assistew in-nies prezenti.

Id-Difiza tellghet tixhed ukoll lil Joan Noel Cutajar f’isem il-Bank Centrali. Qalet illi mis-sena 2002, il-licenzji li kienu jaghtu huma ghaddew f’idejn l-MFSA b’dan illi d-dokumenti kollha ghaddew ghand din l-entita’.

Minn naha taghha Nathalie Mifsud, in rapprezentanza tal-MFSA, xehdet illi biex tkun tista’ ssellef flus kien jinhtieg applikazzjoni mal-istess entita’, u jinhtieg licenzja ghal dan l-iskop. Qalet illi f’dan ir-rigward l-MFSA ma kinitx taghmel differenza bejn kumpaniji u ndividwi.

Aktar tard, regghet xehdet illi ma kien hemm ebda applikazzjoni f’isem individwi biex jinnegozjaw f’self ta’ flus. Qablet illi kien hemm registru dwar min kien awtorizzat isellef, pero fuqu ma kien hemm ebda ndividwi registrati.

Maghluqa l-provi kollha prodotti, ghaddiet din il-Qorti biex tisma’ t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok il-Qorti thoss illi ghandha minn jeddha taghmel referenza ghall-istqarrija tal-imputat, in kwantu din qatt ma giet - kif solitament isir, ikkontestata mid-Difiza, gialadarba giet mehuda minghajr ma l-imputat inghata d-dritt tal-assistenza legali. Illi fil-fatt l-imputat irrilaxxa l-istqarrija wara li gie moghti d-debita twissija. L-imputat kellu hamsin(50) sena meta rrilaxxa l-istqarrija, certament mhux bniedem li mill-eta’ tieghu jissejjah vulnerabbli.

Barra minn dan ghandu jinghad ukoll illi d-Difiza, issa fis-seduta tal-24 ta’ Marzu, 2010, ghamlet verbal fejn ezentat lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella’ xhieda dwar il-volontarjeta’ u l-identita’ tal-istqarrija tal-imputat (folio 466). Barra minn dawn il-punti, jigi wkoll sottolineat illi l-istess Difiza ghazlet illi tuza l-istess stqarrija fid-difiza tal-istess imputat, meta hu stess minn jeddu ghazel illi jikkonferma l-kontenut taghha: il-Qorti ghalhekk tqis illi l-istqarrija hija wahda ammissibbli.

Illi l-provi migjuba kontra l-imputat huma primarjament ix-xhieda guramentata ta’ Joseph Borg, anke kkonfermata quddiem din il-Qorti, fiz-zmien vicin l-akkadut investigat. L-istess xhieda ssib korraborazzjoni bil-fatt illi l-flus li gew moghtija lil Borg mill-pulizija, li taghhom inzammet fotokopja, instabu ghand l-istess Brincat. Fatt iehor korraborattiv tal-akkadut, huwa li Borg gie strip searched qabel ma ntelaq mill-pulizija, anke baqa’ fil-kumpanija taghhom sakemm mar fil-garaxx ghand Brincat. Darba li hareg mill-istess garaxx, instabet fuqu l-eroina. Illi huwa veru li snin wara Borg ma regax, in kontro ezami, ikkonferma l-akkadut tal-konsenja kkontrollata, pero dan il-kontro ezami sar **snin wara (enfasi tal-Qorti)**, u fil-fehma tal-Qorti ma jbiddel xejn minn dak illi gara fl-incident in dezamina, u dak illi qal Joseph Borg a tempo vergine. Illi ghalhekk fil-fatt huwa ghaqli li l-kontro ezami jsir wara u vicin l-*examination in chief* ta’ xhud.

L-imputat minn naha tieghu ried illi jitwemmen illi hu kien isellef il-flus lil Joe Borg u dan ghalhekk mar ghandu – fatt dan negat mill-istess Borg. Jghid Brincat illi fil-fatt Borg tah mill-mitejn lira Maltin (Lm200.00) li sellfu, mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120.00), pero nstabu hafna aktar flus fuq l-istess Brincat, barra mill-fatt illi nstabu fuq Brincat flus li nghataw lilu mill-pulizija, vide Dok RS.

Illi l-imputat anke jghid illi fil-hin li Joe Borg mar ghandu u tah il-flus kien hemm xi erba’(4) membri tal-familja tieghu prezenti. Stranament pero, darba li ghazel illi jitla’ jixhed u jghid dan, naqas umbaghad milli jressaq lil xi hadd biex isostni t-tezi tieghu!

Inoltre, la l-Qorti ma sabet ebda diffikulta’ temmen il-verzjoni originali ta’ Joseph Borg - kif ben korraborata mill-ufficjali tal-pulizija nvoluti f’din il-konsenja kkontrollata; daqs tant iehor hija konvinta mill-fatt illi Borg ma kinx ghamel dan it-tip ta’ negozju ma’ Brincat f’okkazjoni isolata ta’ darba. Jirrizulta anke dan car mix-xhieda tal-istess Borg illi jghid illi kien ilu jinnegozja ma’ Brincat ghal sitt(6) xhur fuq bazi regolari jixtri d-droga minghandu. Inoltre, il-facilita’ li l-istess Borg cempel biha lil Brincat u rranga biex jixtri s-sriedak, turi li dawn kienu ben konoxxenti ta’ xulxin u tal-prodotti li wiehed ibiegh u l-iehor irid jixtri!

Daqstant iehor jirrizulta pruvat il-fatt illi Brincat kien jagixxi ta’ istituzzjoni finanzarja minghajr ma kellu permess ghal dan.

Ghaldaqstant din ilk-Qorti, qieghda ssib htija tal-akkuzi kollha migjuba kontra Rosario Brincat b’dan illi tqis illi t-tieni (2) u t-tielet(3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, u dan wara li rat:

Ir-Raba’ u s-Sitt (IV u VI) Taqsima tal-Ewwel Skeda;

L-Artikolu 22(1B), u 22(2)(b) - ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

GN 292/1939;

LS 101.2002l

L-Artikoli 3, u 22 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ordnat ukoll illi tigi ezebita l-fedina penali aggornata tal-imputat.

Dwar il-piena, tikkundanna lil Rosario Brincat ghal piena ta’ erba’ snin u nofs (4 ½); u ghal multa ta’ tmint elef Ewro (€8,000).

Tikkundanna lil Rosario Brincat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tminn mija sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€827.57), u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u mmarkata bhala KB99.2003 ezebita, u konsegwentement qieghda tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Tordna kwoll il-konfiska tal-flejjes hekk maqbuda minghand l-imputat fis-somma ta’ tminn mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00) ekwivalenti ghal elf disa’ mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,924.58) formanti parti minn ezebit numru KB15.2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------